MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2005

Numru 66/2003

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Richard Scerri, iben Alfred,
imwieled Pieta' fit-18 ta' jannar,
1978

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-23 ta' awissu, 2002 u f'dati oħra preċedenti, ġewwa il-Belt, Valletta, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u cioe' biljetti tal-flus dollari amerikani, liema biljetti tal-flus kien jaf li huma falsifikati;
2. talli fl-istess ċirkostanżi, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuza leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess

tiegħu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ marzu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-liġijiet ta’ Malta;
Bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-12 ta’ lulju, 2004 l-atti ta’ din il-kawża ġew distrutti f’nirien li ħakmu din il-Qorti.

Illi dawn l-atti ġew rikostruiti bid-differenza li l-flus li ġew eżebiti ma setgħawx jiġu reintegrati billi ma nstabux għaliex ġew distrutti.  Għalhekk, fiċ-ċirkostanżi mhemmx provi dwar ir-reat in kwistjoni għaliex ma setgħax jiġi stabbilit jekk il-flus eżebiti kienux foloz.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------